MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 25/2001/1

**CITAZZJONI NUMRU 25/2001**

**Gasan Mamo Insurance Agency Limited gia Gasan Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta' estera CGU Insurance Plc gia General Accident Fire and Life Assurance plc, ta' Perth, Scotland, u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Supplies Limited skond il-ligi u skond il-polza ta' assigurazzzoni (Claim Numru 994088/99)**

**-vs-**

**Silvio Felice**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta' attrici fejn ippremettiet illi fis-sitta ta' Mejju 1999 dahal kwantita' ta' ilma mill-fond Brighton Guest House, detenut mill-konvenut ghal gewwa

l-fond Time Square Bar & Grill, Tower Road, Sliema proprjeta' tas-socjeta' Supplies Limited.

Illi b'rizultat ta' dan saret hsara konsiderevoli fil-proprjeta' ta' Supplies Limited u peress illi din is-socjeta' kienet assigurata mas-socjeta' attrici hija giet debitament kompensata fis-somma ta' elf tliet mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin (Lm1327);

Illi l-konvenut huwa responsabbli finalment ghall-hsarat sofferti minn Supplies Limited illi gew rizarciti mis-socjeta' attrici fit-termini ta' l-artikolu 1041 u 1042 tal-Kodici Civili kif ukoll ghaliex huwa naqas illi juza l-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja fil-fond detenut minnu, kif jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-konvenut interpellat ripetutament sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni baqa' inadempjenti.

Talbet li din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li gara fis-sitta ta' Mejju elf disa' mija u disgha u disghin (1999) fil-fond Time Sqaure Bar and Restaurant, u ghall-hsarat kagunati per konsegwenza ta' l-incident fuq imsemmi ghar-ragunijiet premessi.

2. Tillikwida l-hsarat sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf tliet mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin (Lm1327);

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' elf tliet mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin (Lm1327) lis-socjeta' attrici;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huwa ingunt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata debitament mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Silvio Felice fejn eccepixxa:

1. illi preliminarjament il-konvenut Silvio Felice ma huwiex il-legittimu kontradittur stante illi l-fond Brighton Guest House ma huwiex u qatt ma kien proprjeta’ tieghu. Ghalhekk huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici. F’ittra datata 2 ta’ Marzu 2001 lis-socjeta’ attrici l-konvenut infurmah illi hu ma kienx proprjetarju ta’ l-imsemmi fond.

2. Illi fuq linea ukoll preliminari s-socjeta’ attrici trid iggib prova tal-mandati u tas-surrogi minnha allegati.

3. Illi minghajr pregudizjzu ghas-suespost fl-ewwel lok l-eccipjenti qatt ma gie informat b’xi danni jew b’xi incident kif allegat, sabiex ikollu opportunita jaghmel l-indagni u l-verifiki tieghu. Kien biss xhur wara l-allegat incident li l-konvenut gie infurmat bl-istess.

4. Illi l-konvenut ma jahti bl-ebda mod ghal dak li sehh u r-responsabbilta ghall-allegat incident tinkombi fuq is-socjeta’ attrici jew fuq l-assikurat taghha jew altrimenti fuq terzi.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost trid issir prova serja tad-danni allegati.

6. Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata u l-lista tax-xhieda.

Semghet ix-xhieda;

Rat il-verbal taghha tat-30 ta’ Ottubru 2003 fejn il-partijiet qablu li l-kawza tmur ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari u giet differita ghal-lum ghas-sentenza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-eccezzjoni li ser tigi deciza b'din is-sentenza hi dik fejn l-konvenut qieghed jecepixxi li m'huwiex l-legittimu kontradittur. Din l-eccezjoni hi bazata fuq l-asserzjoni tal-konvenut illi l-fond 'Brighton Guest House' la hu u lanqas qatt kien proprjeta' tieghu. Fi kliem iehor qieghed jitlob li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'huwiex il-persuna li kellha titharrek.

Issa kien jispetta lill-konvenut u lilu biss li jipprova din l-asserzjoni tieghu, u dan b'mod partikolari fil-konfront l-ewwel premessa tac-citazzjoni, korrispondenti l-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici, ossija li l-'Brighton Guest House' minfejn hu allegat li sklua l-ilma li kkawza hsara mhux proprjeta' tieghu.

Illi mill-provi in atti jirrizulta li l-konvenut ipprova li:

- permezz tal-kuntratt esebit (folio 43 et seq) li jgib id-data tat-22 ta' Mejju 1991 is-socjeta' 'Silvio Felice Limited' xtrat 'the groundfloor flat together with an internal yard and internally numbered one [1] having three doors leading onto the entrance hall and named Brighton Guest House in a block of buildings numbered one hundred and twenty six (126) and named Brighton Flats, Tower Road, Sliema, as a guest house for which it is licensed to operate by the competent authority, together with its share pro rata of the entrance to the block, entrance hall, stairs, stairwell, lift, lift shaft, drains and drainage system and shaft, freehold tale quale as viewed and inspected…'

- li l-konvenut hu l-azzjonist maggoritarju u l-uniku direttur tas-socjeta 'Silvio Felice Limited';

- li l-istess konvenut xehed li l-post ossija l-'Guest House' huma proprjeta' tas-socjeta' 'Silvio Felice Limited'; fatt li hu konfermat kemm mill-kuntratt fuq citat, fejn fost il-garanziji moghtija lill-bank mutwant hemm imnizzel l-imsemmi appartament "named Brighton Guest

House", u l-ittra tal-Avukat tieghu datata 2 ta' Marzu 2000, fejn, u b'referenza ghall-ittra spedita lilu mis-socjeta' attrici fit-12 ta' Dicembru 2000, hu kien ta indikazzjoni, ghalkemm sottili, li l-fond ma kienx tieghu;

- li aspetti ohra rigwardanti talbiet li gew finalizzati precedentement ghal dik meritu din il-kawza huma rrilevanti salv, jekk hu il-kaz, ghall-kap ta' l-ispejjez, fid-dawl wkoll tat-termini tal-ittra tat-2 ta' Marzu 2000 fuq citata.

Illi fuq l-iskorta ta' dawn il-provi l-konvenut ipprova l-ewwel eccezzjoni tieghu, ossija li hu ma kienx il-persuna li kellha titharrek. Ghalhekk l-Qorti ser tilqa' din l-eccezzjoni izda ser timmitiga l-kap tal-ispejjez ghas-socjeta' attrici stante l-imgieba 'furtiva' tal-konvenut li ghandu jgorr parti mit-tort ghaliex saret din il-kawza.

Ghaldaqstant, tiddeciedi li fil-waqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tieghu, tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju u rigward l-ispejjez tal-kawza tordna li dawn ghandhom jigu sopportati kwantu ghal tliet kwarti mis-socjeta' attrici u kwart mill-konvenut.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------